

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 86/2009

tat-3 ta' Lulju 2009

li temenda l-Anness XIX (Protezzjoni tal-Konsumatur) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 16/2009 tal-5 ta' Frar 2009 ⁽¹⁾.
- (2) Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perijodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2008/122/KE tassar id-Direttiva 94/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skont il-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

It-test tal-punt 7b (Direttiva 94/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIX għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"32008 L 0122: Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perijodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju (ĠU L 33, 3.2.2009, p. 10)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2008/122/KE bil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-4 ta' Lulju 2009, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

⁽¹⁾ ĠU L 73, 19.3.2009, p. 53.

⁽²⁾ ĠU L 33, 3.2.2009, p. 10.

⁽³⁾ ĠU L 280, 29.10.1994, p. 83.

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.